MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 90/2005

Pawlina sive Pauline Sciberras .

Vs

Direttur Reġistru Pubbliku .

Il-Qorti ;

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attriċi ppremettiet :

Illi l-attriċi Pawlina sive Pauline Sciberras twieldet fl-24 ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija disgħa u sittin (1969) u l-att tat-twelid tagħha ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex bin-numru progressiv mitejn u wieħed u erbgħin tas-sena elf disa' mija disgħa u sittin (241/1969) (Dok A) ;

Illi fl-istess att tat-twelid isem l-attriċi ġie mniżżel bħala 'Pawlina' u dan nonstante illi l-ġenituri tagħha riedu li isem binthom ikun 'Pauline' ;

Illi oltre' dan kunjom missier l-attriċi huwa mnizzel 'Xiberras' filwaqt li hu kien magħruf bil-kunjom 'Sciberras' ;

Illi l-attriċi hija residenti fl-Istati Uniti ta' l-Amerika u d-dokumenti kollha li għandha relatati ma' dan il-pajjiż, fosthom ir-resident alien card u s-social security card, (Dok B u C) juru l-isem tagħha bħala "Pauline Sciberras" ;

Illi reċentement l-attriċi kellha bżonn iġġedded il-passaport Malti tagħha u minħabba d-dettalji kif jidhru fiċ-ċertifikat tat-twelid tagħha, ser ikollha diffikultajiet meta tirritorna lura fl-Istati Uniti ta' l-Amerika, fosthom problemi meta tiġi biex tidħol lura fil-pajjiż .

Talbet lill-konvenut jgħid għaliex ma għandhiex din l-Onorabbli Qorti ;

1. Tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid numru 241/1969 billi fil-kolonna "Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa" kif ukoll fil-kolonna "Ismijiet mogħtija" l-isem 'Pawlina' jiġi sostitwit bl-isem 'Pauline' .

2. Tordna korrezzjoni fl-istess att tat-twelid hawn fuq indikat billi fil-kolonna 'Isem u kunjom missier it-tarbija' il-kunjom 'Xiberras' jiġi mibdul għal 'Sciberras' .

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa inti nġunt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess attriċi kkonfermata bil-ġurament tagħha .

Rat ukoll id-dokumenti annessi maċ-ċitazzjoni, ċioe' bħala dokument A, kopja taċ-ċertifikat tat-twelid numru mitejn wieħed u erbgħin tas-sena elf disa' mija disgħa u sittin (241/1969), u bħala B kopja tal-Alien resident card u tas-social security card ta' l-attriċi .

Rat ukoll ir-rikors ta' l-istess attriċi fejn talbet lill-Qorti sabiex tipproċedi b'din il-kawża bil-benefiċċju ta' l-għajnuna legali ;

Rat id-degriet tagħha tal-lum stess fejn laqgħet it-talba .

Rat ukoll in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku li permezz tagħha eċċepixxa illi :

1. Illi l-esponenti ma joġġezzjonax illi isem l-attriċi jinbidel minn Pawlina għal Pauline .

2. Illi kunjom missier l-attriċi ma jistax jinbidel minn Sciberras għal Xiberras u dan għas-sempliċi raġuni illi ma jistax jiġi korrett kunjom missierha fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tagħha, u ma jiġix korrett fuq iċ-ċertifikat tat-twelid proprju ta' Louis Xiberras .

3. Illi l-fatt illi hu konvenjenti għall-attriċi illi isem l-attriċi jiġi mibdul għal Pauline u kunjom missier l-attriċi jidher bħala Sciberras ma jfissirx illi l-Qorti għandha tilqa' t-talba tagħha meta din it-talba sejra toħloq konflitt bejn żewġ ċertifikati fil-kunjom tal-missier .

4. Bl-ispejjeż kontra l-attriċi ;

5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat ukoll id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess Direttur tar-Reġistru Pubbliku kkonfermata bil-ġurament ta' Dottor Marlin Vella .

Semgħet lill-attriċi tikkonferma l-kontenut taċ-ċitazzjoni bil-ġurament tagħha .

Semgħet ukoll it-trattazzjoni tad-difensuri rispettivi .

Rat ukoll id-dokumenti l-oħra esebiti mill-konvenut, konsistenti f'kopji ta' sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta dwar il-kustjoni sollevata mill-konvenut, bin-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu .

Il-Qorti, wara li rat dawn is-sentenzi w eżaminathom, wara li semgħet lill-attriċi wkoll tispjega ċ-ċirkostanzi li wassluha illi titlob il-korrezzjoni fil-att tat-twelid tagħha, u peress illi jidhrilha illi t-talba hija ġustifikata, peress illi kulma qegħda

titlob l-attriċi huwa korrezzjoni fl-ispelling ta' kunjomha, u mhux żieda fl-istess kunjom jew xi bidla oħra kif kien hemm fis-sentenzi ċċitati; għalhekk tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talba attriċi,

1. Tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid numru mitejn wieħed u erbgħin ta' l-elf disa' mija disgħa u sittin (241/1969), billi fil-kolonna 'Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi Msejħa' kif ukoll il-kolonna "Ismijiet mogħtija" l-isem 'Pawlina" jiġi sostitwit bl-isem "Pauline" .

2. Tordna ukoll korrezzjoni fl-istess att tat-twelid billi fil-kolonna 'Isem u kunjom missier it-tarbija' il-kunjom 'Xiberras' jiġi mibdul għal 'Sciberras' .

Minħabba n-natura ta' din il-kawża ma għandux ikun hemm spejjeż .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------